MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Numru 603/2009

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA
VS
NEIL GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neil Gauci, ta’ 20 sena, iben Paul u Mary nee’ Mizzi, imwieled Zabbar, nhar il-11 ta’ Novembru, 1988, residenti ‘Carmen’, Blokk A, Flat 6, Triq Mater Boni Consili, Fgura, Malta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 516088(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar il-25 ta’ Novembru, 2007, ghall-habta ta’ 18:50 siegha (06.50P.M.), gewwa Triq Enerico Naudi, l-Iklin u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jean Paul Schembri li ghandu numru tal-Karta ta’ l-Identita’ 04004488(M), hekk kif iccertifika Dr. Joseph Saliba M.D.

(Med. Reg. No. 1776) tac-Centru ta’ Sahha tal-Mosta u dan ai termini ta’ l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Jean Paul Schembri bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta et sequitur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal- partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in ezami, l-kwerelant, permezz tan-nota tieghu tal-15 ta’ Ottubru 2009, irtira l-kwerela tieghu f’dawn il-proceduri u rrinunzja wkoll ghal proceduri civili. Illi, di piu’, Jean Paul Schembri hafer lill-imputat fix-xhieda tieghu tat-28 ta’ Ottubru 2009 u ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax lilu nniffsu.

Illi dawn il-kaz qed jitmexxa bi proceduri sommarji u in vista ta’ nuqqas ta’ xhieda tal-kwerelant, ir-rinunzja inekwivoka tieghu, kemm ghal proceduri kriminali kif ukoll ghal dawk civili u in vista tal-fatt illi l-kwerelant Jean Paul Schembri kien l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti ma ghandiex alternattiva ghajr illi ssib lil-imputat Neil Gauci mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------